**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 16 ta' Settembru 2021**

**Kumpilazzjoni numru 1129/2010 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**vs**

**Robert Sciberras**
**(KI: 318873M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Robert Sciberras** li ġie akkużat talli:

F'Lulju 2010 u fis-snin preċedenti, f'dawn il-Gżejjer, fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tal-kumpanija Worksall Limited, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Stefania Andretta detentriċi tal-karta tal-identità numru 0055124(A), Stephane Dupont detentur tal-karta tal-identità numru 0044794(A),

ai termini tal-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, fil-kapaċità tiegħu bħala direttur tal-kumpanija Worksall Limited, approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u ċioè s-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-detriment ta' Stefania Andretta detentriċi tal-karta tal-identità numru 0055124(A), Stephane Dupont detentur tal-karta tal-identità numru 0044794(A), ai termini tal-Artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imħallef Emeritus Dr. Silvio Camilleri datat 26 ta' Ottubru 2018 wara li l-kawża kienet tħalliet *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Ġunju 2013;

Rat illi din il-kawża ġiet appuntata minn din il-Qorti għas-seduta tat-22 ta' Frar 2018;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata 12 ta' Novembru 2017 permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta Malta, u ċioe`:-[1]

1. Fl-artikoli 293, 294, 310 (1) (a)
2. Fl-artikoli 308, 309
3. Fl-artikoli 17, 21 u 532A

Rat l-atti proċesswali kollha;

Semgħet ix-xhieda;

---

[1] A fol. 204

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijet tal-Prosekuzzjoni;

Rat illi din il-kawża tħalliet għal-lum sabiex tingħata sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi miċ-ċitazzjoni jirriżulta illi l-imputat jinsab akkużat dwar reati li allegatament seħħew f’Lulju 2010 u fis-snin preċedenti.

Illi jirriżulta illi l-imputat kellu Kumpanija bl-isem Worksall Limited, ta’ liema Kumpanija huwa kien direttur.[2] Jirriżulta wkoll illi ċerti Stefania Andretta u Stephane Dupont kienu inkarigawh sabiex jagħmlilhom xi xogħol ta’ aperturi tal-injam ġewwa d-dar tagħhom. Għalhekk wara li sar il-ftehim huma tawh depożitu ta’ tnax-il elf ewro (€12,000). Jirriżulta però li x-xogħol li ġie inkarigat jagħmel qatt ma tlesta mill-imputat u għalhekk Andretta pproċediet billi ppreżentat kwerela lill-Pulizija.[3]

**Stephane Dupont** stqarr illi huwa u l-ex-partner tiegħu Stefania Andretta kienu inkarigaw lill-imputat biex jagħmel xi xogħol ta’ injam fid-dar tagħhom. Huma kienu tawh depożitu ta’ tnax-il elf ewro permezz ta’ ċekk, liema depożitu kien se jservi biex l-imputat jixtri l-materjal. Jispjega li wara li għadda xi żmien hu u Andretta marru l-*workshop* tal-imputat fejn qalilhom li ma kienx jista’ jkompli bix-xogħol minħabba kwistjonijiet personali. Jispjega li reċentement Andretta kienet infurmatu li kienu twaħħlu xi bibien.

**Stefania Andretta** spjegat illi hija kienet inkarigat lill-imputat biex jagħmlilha xi xogħol ta’ aperturi ġewwa dar f’Tas-Sliema. Wara li sar il-ftehim hija tatu tnax-il elf ewro bħala depożitu. Huma ftehmu li x-xogħlijiet kellhom jitlestew fi żmien sena però bdiet issib problemi biex tikkomunika miegħu. Tispjega li kienet kellmet lil mart l-imputat li spjegatilha li l-imputat kien ma jiflaħx u li kien l-isptar però skont hi dan kien kollu gideb. Tispjega li, però, wara xi snin, l-imputat kien installa bieb wieħed, anke jekk kellu xi difetti. Tispjega li meta ndunat li kien qiegħed iġibilha ħafna skużi hija marret il-*workshop* tal-imputat u sabitu magħluq u l-ġirien kienu qalulha li kien żarma kollox mill-istess *workshop*.

[2] Kif jirrizulta mill-Memorandum of Association esebit a fol.137-140
[3] A fol. 35

**Joseph Azzopardi** xehed illi fl-2009 kienet ġietu okkażjoni biex jieħu l-ħanut tal-*stationery* ġewwa l-MCAST. Peress li ma kienx jiflaħ għall-piż waħdu, huwa kellem lill-imputat li kien jafu qabel. Jgħid li fuq dan in-negozju hu u l-imputat spiċċaw bil-problemi ma' xulxin. Huwa jispjega li kien jaf b'okkażjoni fejn persuna Taljana kienet tat depożitu lill-imputat però x-xogħol qatt ma sar.

**Joseph Polidano**, *accountant* inkarigat mill-imputat, stqarr illi għalkemm l-imputat kien qal li kellu problemi b'saħħtu huwa ma kienx emmnu peress li kien jarah spiss ġewwa l-ħanut u li l-problemi ta' saħħa bdew meta l-impjegati tal-imputat ma bdewx jitħallsu.

**L-imputat** stqarr illi huwa kellu Kumpanija tipproduċi xogħol ta' injam bl-isem ta' Worksall Limited. Jispjega li Andretta kienet avviċinatu għal xi xogħol u huwa taha stima. Wara li ftehmu fuq ix-xogħol li kellu jsir u l-prezz, Andretta tatu tnax-il elf ewro bħala depożitu. Jispjega li wara xi żmien huwa mar ifittex lil Andretta fil-post li dwaru kienu ftehmu li jsir ix-xogħol però ma sabhiex. Jispjega li wara xi disa' xhur tfaċċat il-*workshop* tiegħu ma' missierha u qaltlu li kienet isseparat. Jispjega li kien hemm xi tibdil fix-xogħol li riedet Andretta u ftehmu. Però, peress li kellu kuntratt ma' lukanda ġewwa l-Belt ma setax jaqdiha mill-ewwel però biex jaqdiha kien ta x-xogħol li kellu jagħmlilha lil mastrudaxxa ieħor. Fil-fatt kienu ġew installati xi aperturi però nel frattemp kellu *slip disc* u għalhekk ma setax ikompli b'xogħolu. Jispjega li fil-frattemp kellu wkoll inkwiet f'negozju ieħor li kien daħal għalih. Huwa spjega li jikkalkula li lil Andretta kien taha bejn erbgħa jew ħamest elef ewro xogħol.

Illi fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2019 id-difiża esebiet skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 10 ta' Settembru 2019 li saret bejn l-imputat u Andretta fejn l-imputat obbliga ruħu li jħallas lil Andretta s-somma ta' disat elef ewro (€9000), li elfejn ewro (€2000) minnhom tħallsu dakinhar stess.

Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2021 Stefania Andretta xehdet illi l-ammont stipulat fil-kostituzzjoni ta' debitu kien intradd kollu lura.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra tibda biex tissorvola talba mressqa mid-difiża fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex ma tiħux konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat fis-6 ta' Ottubru 2010 u dan in vista li l-istess imputat ma kellux l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

Il-Qorti tirrileva illi d-dritt tal-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni ġie introdott permezz ta' Att III tal-2002 però daħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz ta' Avviż Legali 25 tal-2010. Madankollu d-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni daħal fis-seħħ biss fl-2016.

Illi l-ġurisprudenza fuq dan il-punt żviluppat mas-snin. Fil-kawża ***The Police vs Mark Lombardi*** (Qorti Kostituzzjonali 5 ta' April 2013) intqal li stante li l-istqarrija tal-imputat, meħuda fl-assenza ta' avukat tal-fiduċja tiegħu, ma kinitx determinanti biex tinstab ħtija, allura ma kienx hemm lok li jiġi dikjarat li kien hemm vjolazzjoni għad-dritt ta' smigħ xieraq u dan apparti kwistjonijiet oħra ta' allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali wara li kawża tgħaddi in ġudikat. Madankollu fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et*** (Qorti tal-Appell Kriminali 3 ta' April 2019) ġie deċiż illi użu tal-istqarrija meħuda mingħajr assistenza jkun jikkostitwixxi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

Illi żviluppi fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (***Case of Farrugia vs. Malta*** tal-4 ta' Ġunju 2019), xellfu xi ftit dan l-insenjament billi ntqal li jridu jittieħdu in kunsiderazzjoni ċirkostanzi oħra bħal pereżempju l-età tal-persuna arrestata u l-vulnerabilità tagħha. F'din id-deċiżjoni intqal hekk: ***"In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.***
***There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention."***

Però nteressanti hija d-*dissenting opinion,* fid-deċiżjoni hawn fuq ċitata, tal-Imħallfin Georgios A. Serghides u Paulo Pinto De Albuquerque li saħqu illi:

***"10. In any event, we are of the view that the right to a lawyer at the pre-trial stage does not hinge, in any way or form, on the state of vulnerability of the defendant. Nothing in the Convention makes the Article 6 § 3 (c) right dependent on such vulnerability. Such an abusive and restrictive interpretation of that right contradicts its essence. Every defendant, vulnerable***

***or not, has a right, at the pre-trial stage, to a lawyer who will advise him or her on the defence strategy to be followed.***

***11. Secondly, the majority state that "The applicant did not allege, either before the domestic courts or before [the Court], that the Police had exerted any pressure on him, nor that the evidence obtained had been in violation of another Convention provision"15.*** [4]

***12. We disagree with this argument. The fact that a defendant has not been pressured by the police does not limit his or her right to a lawyer. Legal assistance in a criminal procedure is indispensable not only to counter pressure by the police or any other evidence obtained in violation of the Convention, but to define a strategy for the defence and adapt it to every incident throughout the entire proceedings. The police are expected to act lawfully, regardless of the manner in which a defendant presents his or her defence, with or without the benefit of legal assistance. The one has simply nothing to do with the other. Lawful conduct by the police is not a valuable argument on which to restrict the exercise of a Convention right by the defence. Ultimately, this argument by the majority reflects a very restrictive conception of the role of the lawyer in criminal procedure.***

***13. Thirdly, the majority state that "in the present case, the applicant was informed repeatedly in a sufficiently explicit manner of his right to remain silent and the privilege against self-incrimination"***[5]

***14. Again, we cannot accept this argument. The right to remain silent is not interchangeable with the right to a lawyer. These are two very different rights. Legal assistance at the pre-trial stage of a criminal procedure is essential to inform the defendant of the advantages and disadvantages, from the perspective of the defence strategy, of speaking out or remaining silent. In other words, the right to a lawyer is instrumental in effective protection of the right to remain silent (and of the privilege against self-incrimination).***

***15. In short, the fact that the applicant was informed of his right to remain silent if he so desired and the fact that the applicant did not claim that any pressure was exerted on him have nothing to do with his procedural right under Article 6 § 3 (c) of the Convention to have access to a lawyer. Those facts are irrelevant for the purpose of curing the breach of this right. In our view, it is a fundamental mistake at stage two not to take seriously into account the finding of stage one, especially when the test applied should be a very strict scrutiny.***[6] ***Otherwise, what is the point of having two stages!?"***

---

[4] § 111 of the present judgment

[5] 16 § 112 of the present judgment

[6] § 108 of the present judgment

Illi meta l-imputat ġie arrestat huwa kellu disgħa u tletin (39) sena u għalkemm ma kienx żgħir fl-età, din il-Qorti xorta tqis illi persuna li qatt ma ġiet interrogata f'ħajjitha bħala waħda vulnerabbli. Però anke li kieku ma jiġix meqjus bħala persuna vulnerabbli, din il-Qorti ttendi taqbel mad-*dissenting opinion* hawn fuq ċitata. Għaldaqstant il-Qorti mhux se tkun qiegħda tieħu konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

Sorvolata din il-kwistjoni, il-Qorti se tkun qiegħda tgħaddi biex teżamina r-reati addebitati lill-imputat fid-dawl tal-provi prodotti.

1. **L-ewwel imputazzjoni – Frodi b'għemil qarrieqi jew qligħ b'qerq ai termini tl-artikolu 308, 309 u 310 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali.**

Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati tagħna illi jridu jikkonkorru diversi elementi. Ibda biex, irid ikun hemm ness bejn is-suġġett attiv u s-suġġett passiv tar-reat, u ċioè bejn min qiegħed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dana r-reat, u ċioè l-użu ta' ngann jew raġġiri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri t-telf patrimonjali. Finalment huwa neċessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu. Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** mogħtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet esposizzjoni dettaljata għar-rigward tal-elementi ta' dana r-reat:

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-leġislazzjoni Rumana kien magħruf bħala steljolat u li jikkorrispondi eżattament għat-truffa tal-Codice Sardo, għal frodi tal-Kodiċi Toskan, għal Engano jew Estafa fil-kodiċi Spanjol, għal Bulra f'dak Portugiż,u għal Esroquerie fil-Kodiċi Franċiż. […]*
*Id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tagħna kienu ġew meħuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Codice delle Due Sicilie li hu identiku ħlief għal xi kelmiet insinjifikanti għal Kodiċi Franċiż (Artikolu 405) avolja dan, il-Codice delle Due Sicile, it-truffa kien sejħilha Frodi […].*

*Skond ġurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li ġejjin.*

*Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.*

*Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a) b'mezzi kontra l-liġi, jew*
*b) billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew*
*c) ta' kwalifiki foloz jew*
*d) billi jinqeda b'qerq ieħor u*
*e) ingann jew*
*f) billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,*
*g) jew ta' ħila;*
*h) setgħa fuq ħaddieħor jew*
*i) ta' krediti immaġinarji jew*
*j) sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor.*

*[...H]u neċessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. [...]"*

Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi *"hemm bżonn biex ikun reat taħt l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħaħ il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawża* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede"".*

Illi fl-istess deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċċitat lill-Imħallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-diċitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bżonn li tirriżulta materjalita' speċifika li sservi ta' supstrat għall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bħala vera u b'hekk bħala mezz ta' qerq. Ma huwiex biżżejjed għal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, lużingi, promessi, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-liġi tagħti protezzjoni speċjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kważi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-sempliċi u lużingi, u li tagħti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni feliċi fid-dritt Franċiż mise-en-scene".*

L-istess Imħallef Flores kompla jgħid li:

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, ċioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jingħad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun fi profit inġust tiegħu. L-inġustizzja tal-profitt toħroġ mill-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali fejn il-kliem "bi ħsara ta' ħaddieħor" ma jħallux dubbju dwar dan. Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione Penale ġie deċiż illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbagħad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa neċessarju illi jeżistu "*I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, għar-rigward tal-element soġġettiv tar-reat tat-truffa, kif ġie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ċioè **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale,*

*come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-esposizzjoni legali tar-reat ta' frodi kif indikat hawn fuq, u wara li kkunsidrat dak li jirriżulta mill-atti proċesswali u li ġie espost hawn fuq f'din is-sentenza, il-Qorti tinnota li minn imkien ma jirriżulta li l-imputat għamel dak imsemmi f'Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn imkien ma jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-imputat kellu xi intenzjoni li jagħmel xi qligħ b'qerq. Illi l-intenzjoni tiegħu meta huwa rċieva t-tnax-il elf ewro kienet li jixtri l-injam għall-ordni magħmula mill-kwerelanti. Jirriżulta illi l-imputat verament għamel perjodu ma jiflaħx u għalhekk ma setax ikompli bl-ordni magħmula.[7] Jirriżulta wkoll illi pprova jaqdi lill-kwerelanti billi ngaġġa mastrudaxxa ieħor biex ikompli l-ordni però evidentement l-istess ordni ma ġietx kompletata. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi ċ-ċirkostanzi kif ippreżentati ma jinduċux f'moħħ din il-Qorti dik iċ-ċertezza morali rikjesta li l-imputat kellu l-intenzjoni li jinganna lill-kwerelanti. Lanqas ma jirriżulta li saru xi raggiri da parti tiegħu għaliex fil-verità huwa kellu n-negozju ta' mastrudaxxa li ppreżenta ruħu bih quddiem il-kwerelanti.

Għaldaqstant il-Qorti ma hijiex sodisfatta sal-grad li trid il-liġi li r-reat ta' frodi ai termini tal-artikolu 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali ġie ppruvat.

2. **<u>It-tieni imputazzjoni – approprazzjoni bla jedd ai termini tal-artikoli 293 u 204</u>**

Illi fil-kawża **Il-Pulizija vs Donald Micallef** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Ġunju 2020 intqal li:

*"Essenzjalment l-approprazzjoni indebita ma hi xejn ħlief abbuż ta' fiduċja li permezz tiegħu wieħed jirrendi bi profitt għalih ħaġa li tkun ġiet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju (**vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud**[8]**; Il-***

[7] Ara dokumenti esebiti minn fol. 251 sa 253
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar t-2 ta' Dicembru, 1992

***Pulizija v Joseph Richmond et[9]; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia9[10] u Il-Pulizija v Emanuel Cassar10[11].)***

*B'dan il-Qorti trid tfisser li jrid ikun hemm konversjoni u hemm konversjoni inter alia meta l-ħati jkun irċieva l-ħaġa biex minnha jagħmel użu determinat u minflok li jikkommettiha għal benefiċċju tiegħu stess jew jiddisponi mill-ħaġa kuntrarjament għal pattijiet stipulati in buona fede.*

*Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale Italiano[12] jgħid: "L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

*Dana l-abbuż jissarraf fil-fatt illi l-aġent idawwar oġġett li jkun ġie fdat lilu għal għan speċifikat f'użu differenti minn dak patwit tal-oġġett ikkonsenjat, liema użu divers madanakollu jrid ikun sar b'mod intenzjonali mill-aġent bl-għan li jagħmel profit minnu għalih innifsu. Dana l-aġir minn naħa tiegħu ma jridx jammonta għal sempliċement użu tal-oġġett, iżda l-aġent irid iqis illi dak l-oġġett sar proprjeta' tiegħu u għalhekk jagħmel użu minnu bħala sid tiegħu u dana bi profitt għalih.*

*Issir riferenza ukoll għad-deċiżjoni* **The Police vs Artur Arakelyan[13]***:*

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"[14]*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Jannar, 1993
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-25 ta' April, 1949
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 1997
[12] Vol. V pg. 347
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Lulju,.2013
[14] (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276) -

Illi mill-provi prodotti ħareġ ċar illi għallinqas parti mill-flejjes depożitati mal-imputat relatati mal-ordni li kienu għamlu l-kwerelanti ġew użati minnu għal skopijiet oħra. Dan l-aġir jikkonfigura fir-reat in eżami aggravat naturalment għaliex l-istess flejjes ġew fdati f'idejn l-imputat minħabba s-sengħa tiegħu.

Illi għaldaqstant il-Qorti jirriżultalha lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi t-tieni imputazzjoni ġiet ippruvata.

Illi l-piena applikabbi għar-reat ta' approprazzjoni indebita aggravat hija dik minn seba' xhur sa sentejn priġunerija. Illi madanakollu il-Qorti se tkun qiegħda tieħu in konsiderazzjoni l-fattispecie partikolari ta' dan il-każ, it-trapass ta' żmien minn meta seħħ ir-reat, u wkoll illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-imputat radd lura s-somma maqbula mal-kwerelanti.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat artikolu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tiddikjara lill-imputat Robert Sciberras ħati tat-tieni imputazzjoni u ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-ħati fi kliem ċar, kemm ir-responsabilità tiegħu u x'jiġri jekk hu jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur